# INTERVISTA MA' DUN CHARLES CINI, SALESJAN TA' DON BOSCO, FUQ L-GĦERUQ "FRANĠISKANI" TIEGĦU

MINN **FRANCESCO PIO ATTARD**



Dun Charles Cini twieled il-Belt Victoria fis-22 ta' Awwissu 1944. Fl-1962 daħal mas-Salesjani ta' Don Bosco f'Katanja, Sqallija, u fl-14 ta' Lulju 1974 ġie ordnat saċerdot fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, u ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ fit-18 ta' Awwissu. Fl-1976, beda kors tat-Teoloġija Pastorali fl-Università Pontifiċja Salesjana f'Ruma. Fl-1982, intgħażel bħala Delegat Provinċjali għas-Salesjani f'Malta, u fl-1985 sar Delegat Dinji għall-*Past Pupils* Salesjani f'Ruma.

Fl-1991, ġie ddekorat bħala Kavallier tar-Repubblika Taljana mill-President Francesco Cossiga u Kavallier tal-Ordni Francisco De Miranda minn Carlos Andres Perez Rodriguez, President tar-Repubblika tal-Veneżwela. Fl-2008, inħatar Kommendatur tal-Ordni Biżantin tas-Santu Sepulkru. Fl-2011, hu ngħata l-ġieħ ta' Kavallier tal-Grazzja Ekkleżjastika tal-Ordni Sagru u Militari Kostantinjan ta' San Ġorġ (Malta).

Barra l-ħidma prezzjuża tiegħu fi ħdan il-familja Salesjana, Dun Charles stinka kemm felaħ biex permezz ta' pubblikazzjonijiet tal-ogħla livell u inizjattivi kulturali oħra jippromovi l-arti u l-istorja ta' pajjiżna. Fost l-oħrajn, tana l-ktieb *Gozo, the Roots of an Island* (1990) bi preżentazzjoni ta' Giulio Andreotti, dak iż-żmien Prim Ministru tal-Italja, kif ukoll l-edizzjoni *facsimile* tal-Istorja ta' Għawdex ta' De Soldanis (1999) meta kien President tal-Fondazzjoni Belt Victoria.

Għalkemm f'Għawdex m'għandniex preżenza maskili tas-Salesjani u minkejja l-bosta impenji tiegħu, Dun Charles iżur ta' spiss il-gżira li wilditu u li hu għandu post speċjali għaliha f'qalbu. Fost l-oħrajn, għandu memorji sbieħ tat-trobbija tiegħu 'wara San Franġisk' u ma' djul il-Patrijiet Franġiskani Konventwali bħala abbati, mnejn jgħid li jaf il-vokazzjoni reliġjuża tiegħu.

F'Settembru **Francesco Pio Attard** mar iltaqa' miegħu u ġabar dawn it-tifkiriet.

### GĦIDILNA XI ĦAĠA DWAR IL-ĠENITURI TIEGĦEK.

Jiena twelidt wara San Franġisk, mal-knisja, fl-1944. Qegħdin erbgħa u jiena l-kbir. Warajja twieldu Pawlu, Maria u Ġużeppi.

Missieri Carmelo kien beda bħala ħaddied. Kien iltim, fis-sens li meta n-nanna kienet tqila bih, ġie ż-żmien tal-marda tal-Ispanjola. Missieru, li kien jismu Karmnu wkoll, marad. Fejquh. Imma n-nanna u r-razza tiegħu kienu ffissati fiż-żwiemel. Waqt li kien qed ifiq, kien hemm żiemel kbir it-Triq tal-Għajn, u ma setgħux isuquh. U n-nannu ħareġ mis-sodda, ħa riħ, u baqa' sejjer. Wara xhur twieled missieri.



*Nhar l-Ewwel Tqarbina fil-Parroċċa ta' San Ġorġ.*



*Tbissima naturali fuq wiċċ tfajjel adolexxent.*

In-nanna reġgħet iżżewġet u kellha l-aħwa l-oħra tiegħu. Kellu *step father*, u ħajtu ma kinitx dejjem faċli. Intefa' fil-ħanut tal-ħaddied li kien fuq Għajn Qatet, iktar 'il fuq minna. Dan kien tar-raġel tan-nanna. Imma mbagħad missieri dabbar rasu, għax ried l-indipendenza, u fetaħ għal rasu fit-tarf ta' Triq Fortunato Mizzi, fil-bidu tat-triq li mir-Rabat tieħdok għax-Xatt, li mbagħad begħenieha. Beda jniegħel iż-żwiemel, imma tant kien mixħut għan-negozju li beda ftit ftit, sakemm kabbar in-negozju tiegħu għal wieħed tal-laħam u tat-tiġieġ.

Ommi Carmela kienet mix-Xagħra. Familja kbira ta' sitta: ħames nisa u tifel. Tlieta minnhom emigraw lejn l-Awstralja.

Fil-bidu, meta żżewġu, ma kellhomx dar, u marru joqogħdu Dun Ġorġ Grech, li kien ziju tar-rispett u joqgħod fil-bidu ta' Triq l-Arċisqof Pietru Pace. Kien famuż għal ħafna affarijiet. Imbagħad wara li qagħdu f'dik id-dar, sabu post fuq Għajn Qatet, sakemm ittrasferew lejn il-post fejn twelidt jien.

## F'LIEMA AMBJENT ĦADT IT-TROBBIJA TIEGĦEK?

Il-bniedem huwa frott tal-ambjent li jgħix fih u tal-formazzjoni li jieħu. Jien ħadt l-ewwel edukazzjoni tiegħi fl-Iskola Primarja u mbagħad is-Seminarju. Għalina, f'dak iż-żmien ta' wara l-Gwerra fejn ma kien hawn xejn, San Franġisk kien xi ħaġa kbira, u dan għal ħafna raġunijiet. L-aktar waħda importanti kienet li l-ħajja spiritwali tagħna aħna konna ngħixuha fil-Knisja tal-Franġiskani. Għalkemm kellna lil San Ġorġ [il-parroċċa], u kien importanti għalina, billi konna fil-qrib tal-Knisja ta' San Franġisk – prattikament erba' passi mill-knisja – din kienet l-aktar ħaġa li tagħmel parti mill-ħajja tagħna.

Jiena kont immur hemm kuljum filgħodu. Niftakar li xi ziju kellu ġlekk abjad, u meta tfarfart, biex ma mmurx il-knisja bil-kmiem qosra, ommi kienet tlibbishuli. Hemm kont abbati għal ċertu żmien, inservi l-quddies, u minn kollox konna nagħmlu... indoqqu l-qniepen, niġru fil-knisja. Dħalt f'atmosfera li kemm psikoloġikament u kemm spiritwalment laqtitni ħafna. Dan naturalment ġara qabel jiena mbagħad ittrasferejt ruħi għall-Oratorju Don Bosco.

## IL-FRANĠISKANI X'SEHEM KELLHOM FIL-VOKAZZJONI TIEGĦEK?

Jien kont bid-dubju nidħolx Franġiskan jew le. L-iktar li laqtitni kienet il-ħajja ta' San Franġisk. Aħna konna nisimgħu ħafna prietki. Għadni sal-lum, wara Don Bosco, il-qaddis preferit tiegħi huwa San Franġisk ta' Assisi. Kull bijografija li toħroġ fuqu nixtriha. Speċjalment il-Fjuretti!

Il-ħbiberija mal-patrijiet għenitni biex nidħol f'dik l-atmosfera spiritwali. Dak iż-żmien in-numru tal-patrijiet kien kbir ħafna, mhux bħal-lum. Il-kmamar kienu kollha mimlijin. Konna ngħinu f'kollox, speċjalment il-preparazzjoni għall-Festa [tal-Kunċizzjoni]. Kien hemm Fra Ġużepp Debattista, minn wara San Franġisk, li kien isejħilna u aħna nnaddfu u ngħinu. Kien il-*factotum* ta' kollox. Kien għadu żgħir, fuq tiegħu. Imma l-aktar li



*Liebes ta' abbati.*



*Meta ħa s-suttana waqt il-formazzjoni f'Pedara.*

laqatni ma kienx biss il-ħajja tagħhom, imma dak li kienu jgħidu... speċjalment fil-prietki. Dak għenni ħafna biex niżviluppa l-vokazzjoni tiegħi. Imbagħad konna niltaqgħu kontinwament ma' patrijiet żgħar. Ġieli kilna magħhom meta konna abbatin hemm. Dawn l-affarijiet kollha ħolqu ġewwa fija bħal riflessjoni ta' x'inhu u x'mhux il-bniedem. Għalija personalment dan kien importanti.

Il-vokazzjoni li mbagħad ħarġet l-Oratorju, twieldet għand il-Franġiskani. L-atmosfera li kien hemm fil-komunità tal-Franġiskani dak iż-żmien lili għenitni biex niżviluppa l-vokazzjoni tiegħi.

## MELA GĦALKEMM MA MORTX FRANĠISKAN, ĠARREJT MIEGĦEK DAK L-ISPIRTU...

Huma kienu d-diretturi spiritwali u l-konfessuri tiegħi. Meta ħarist lejhom, il-ħajja li kien hemm u l-atmosfera, il-qaddisin tagħhom – Sant'Antnin, San Franġisk u l-Immakulata – bl-eżempju tagħhom lili laqtuni ħafna fil-karattru u l-ispiritwalità tiegħi.

## TARA LI L-POST INBIDEL XI FTIT MINN ĊKUNITEK GĦAL-LUM? X'TGĦIDLI DWAR IL-FESTI?

Il-knisja ma kellha xejn, lanqas il-pitturi tas-saqaf li għandha llum. Imbagħad meta ġie l-Konċilju [fis-snin sittin] u għamlu dak l-altar, ukoll inbidlu ħafna affarijiet fl-estetika tal-knisja.

Dejjem il-Festa tal-Kunċizzjoni kienet il-kbira, u mhux San Franġisk! Kien hemm devozzjoni kbira lejn Sant'Antnin, li naħseb kienet ikbar minn dik lejn San Franġisk. Imma l-*massimo* kienet il-Kunċizzjoni. Kienu jagħmlulha festa kbira, bil-Banda tal-Istilla. Niftakar ukoll il-famuż ħobż ta' Sant'Antnin. Imma l-aktar il-preparazzjoni għall-festi tal-Immakulata u San Franġisk. Konna tfal u kienu jġagħluna ngħinu f'kollox. Konna grupp mhux ħażin ta' tfal, xi wħud abbatin, imma biċċa sew li jagħtu daqqa t'id.

Naturalment, il-Patrijiet kellhom influss kbir fuq dik il-parti tar-Rabat. Il-preżenza tagħhom kienet tinħass. Għall-problemi jmorru għandhom, qrar għandhom, jekk qed imut xi ħadd ifittxu lilhom... Kollox kienu jagħmlu huma, il-kura pastorali kienet f'idejhom. In-nies, la tmur il-quddies, kienet tagħmel ħbieb u tafda magħhom. U anki n-nies tal-pjazza u tal-Vajringa kienu jħossuhom jappartienu hemm. Funerali ma niftakarx li kienu jsiru hemm; dawk kollha San Ġorġ.

## KIF IMBAGĦAD MINN SAN FRANĠISK MORT L-ORATORJU?

Xħin għamilt l-Ewwel Tqarbina San Ġorġ, mort l-Oratorju u beda l-proċess li wassal għall-għażla tiegħi. Imma l-qrar tiegħi, għalkemm kont l-Oratorju, kont nibqa' nagħmlu għand il-Patrijiet ta' San Franġisk. Bħala direzzjoni spiritwali, bqajt infittixha dejjem hemmhekk, għax kelli għożża u stima kbira għal dak il-post.

Anki quddies, speċjalment matul il-ġimgħa, bqajt immur San Franġisk. Jien kont noqgħod fil-kor, u mhux bilqiegħda




*Ma' Giulio Andreotti bil-ktieb ta' Għawdex f'idejh.*




*Ħabib u benefattur tal-ktieb Malti.*

fil-knisja. Kuljum kuljum kien jiġi jisma' l-quddiesa Ġorġ Pisani. Laħaq kelli diskussjonijiet kbar miegħu, u għallimni ħafna affarijiet. Ġurnata qabel tlaqt, xħin għidtlu li jien sejjer Salesjan, qalli: "Ftakar li l-Għawdxin biex jagħmlu karriera jridu joħorġu minn pajjiżhom". Kien qed jgħid kemm għal Malta u iktar u iktar għal barra minn Malta. U fl-1962 tlaqt lejn Katanja biex nibda l-formazzjoni bħala Salesjan.

Meta saru jafu li dieħel Salesjan, ta' San Franġisk qalu: "Imma kif jista' jkun? Rabbejnieh aħna, u issa ħa jmur Salesjan!". Anki l-ġenituri tiegħi ssorprendew ruħhom. L-ewwel ħaġa għax kont ħa nitlaq minn Malta, ta' sittax-il sena. Kienet ħaġa kbira. Meta tlaqt mid-dar, missieri ħareġ fil-5.00am ta' filgħodu biex ma jaranix sejjer. Ommi umanament ħaditha bi kbira. Jekk issaqsi lil oħti, tgħidlek kemm għamlu żmien ma jsajrux għaġin id-dar, peress li jien kont inħobbu!

Imma l-Oratorju sibna lil Dun Alwiġ Mizzi li għenna, u tlaqna jien u [Dun] Ġorġ Mercieca. Li jiena tlaqt ma' Ġorġ Mercieca kienet esperjenza sabiħa, għax trid tkun tafu biex tifhem min kien! Dan l-aħħar ġbart ħafna poeżiji li kien jikteb meta konna l-Italja. Għandi xi ħamsin poeżija miktuba b'idejh li hu kien ħa jqattagħhom, u jien ġbarthom!

Anki meta tlaqt, kont bqajt f'kuntatt mal-Franġiskani. Kont nikteb, u meta niġi lura fis-sajf kienu jilqgħuni.

## X'BAQA' JFISSER SAN FRANĠISK GĦALIK?

Meta bdejt il-formazzjoni Salesjana tiegħi, skoprejt l-imħabba ta' Don Bosco għall-figura ta' San Franġisk. Kellu devozzjoni partikulari lejh, tant li għall-bidu anki hu ried isir Franġiskan, imma mbagħad daħal fis-Seminarju ta' Chieri. Eventwalment xorta ssieħeb bħala terzjarju Franġiskan, u miet bil-'labtu' ta' San Franġisk ma' għonqu. Meta mbagħad mort l-Università u għamilt il-Liċenzjat tiegħi fuq l-edukazzjoni għaż-żgħażagħ, din ir-rabta aktar ħassejtha.

Kif ġa semmejt, San Franġisk lili impressjonani bil-ħajja tiegħu. Anki fil-proċess tal-formazzjoni tiegħi. Meta kont fin-novizzjat, aħna konna obbligati naqraw il-Memorja Bijografika ta' Don Bosco, id-dsatax-il volum kollu. Imma jien il-fundaturi dejjem impressjonawni... Allura kien ikolli naqrahom bil-moħbi tal-Mastru tan-Novizzi. Darba ħadli l-ktieb. Qalli: "Jekk trid tagħti ħajtek bħala Salesjan, l-ewwel trid issir taf lil Don Bosco".

Bqajt affezzjonat lejn San Franġisk. Għamilt ħafna *tours* biex immur nara Assisi. Kien hemm mumenti kbar, bħal meta bħala Delegat Dinji ħadt ħsieb il-Kungress Dinji tal-Eks Allievi. Imma l-aktar kien meta għamilna l-Assemblea Ġenerali Dinjija tal-*Past Pupils* u spiċċajnieha fil-Bażilika ta' San Franġisk.

Meta mbagħad ilħaqt ċertu livell ta' studju, bdejt infittex il-kotba ta' ċertu valur. Wara n-novizzjat, għamilt tliet snin Sqallija filosofija u taħriġ prattiku. Fil-letteratura l-ewwel li ltqajt kien miegħu!

Kif qed tara, allura, il-ħolqa ma' San Franġisk għalija ma kinitx xi ħaġa superfiċjali, imma kienet imnaqqxa fil-qalb tiegħi.

## INĦOSS LI GĦANDI NAGĦMILLEK DIN IL-MISTOQSIJA BĦALA SALESJAN. TARA XEBH BEJN SAN FRANĠISK U DON BOSCO?

Mistoqsija interessanti! Xebh nara, iva. Għax l-imħabba lejn Kristu kienet l-istess, qawwija. Imma l-istil ta' ħajja kien differenti. Għexu fi żminijiet differenti. Il-qaddis jagħmel parti mill-istorja tiegħu, iż-żmien li għex fih. Don Bosco ddedika ruħu għaż-żgħażagħ u għat-tfal. San Franġisk kien iktar 'poliedriku', wiesa' fil-messaġġ tiegħu. Il-fatt li jmurlek biex jiddjaloga mas-Sultan al-Malik al-Kamal ġa jurik ħafna. Imma l-istili sempliċi ta' San Franġisk u ta' Don Bosco jqarrbuhom ħafna lejn xulxin. Il-bażi hi unika, imma l-mod differenti. Żewġ qaddisin li għexu b'mod differenti, imma huma hekk simili f'ċerti affarijiet.

## MESSAĠĠ TAL-AĦĦAR...

Żewġ affarijiet: l-importanza tal-edukazzjoni u tad-direzzjoni spiritwali. Jiena mill-Patrijiet ġejt *edukat* u *ffurmat spiritwalment*. Għax fid-direzzjoni spiritwali, il-qrar u l-parteċipazzjoni fil-ħajja tal-Knisja sibt il-bażi tal-vokazzjoni tiegħi f'San Franġisk. Lill-ġenituri u l-formaturi ngħidilhom li t-tfal u ż-żgħażagħ trid tikkurahom minn ċkunithom, issegwihom u tagħtihom l-eżempju t-tajjeb. Għax fl-aħħar mill-aħħar, il-bażi tal-vokazzjoni tiegħi jien nafha lill-ġenituri tiegħi. F'dak li ommi kienet tgħidli f'widinti fil-mumenti diffiċli, sibtha bħala omm u sostenitur tiegħi matul iż-żmien. L-aħħar ħaġa li nixtieq nirrakkomanda hi l-eżempju tajjeb. Illum hawn ħafna persuni 'foloz' li qed jixħtu lil uliedna barra mit-triq. Qed ngħixu fi kriżi kulturali – it-tajjeb sar ħażin, u l-ħażin sar tajjeb. In-nies mhix kuntenta għax tfittex l-affarijiet fil-vojt. Għalhekk huma essenzjali l-formazzjoni u l-eżempju.